# KUNJOMIJIET FIN-NADUR

Dr Mario Saliba

**Introduzzjoni**

Il-kunjomijiet fihom studju interessanti. Huma mera tat-taħlit u tal-movimenti tan-nies minn post għall-ieħor. F'kull raħal f'Għawdex tista' tgħid li marru joqogħdu diversi nies li qatt ma kellhom konnessjoni mar-raħal. Dawn qed insejħulhom għal konvenjenza bħala barranin u jistgħu jkunu kemm Maltin kif ukoll minn pajjiżi oħra. Din ix-xejra narawha wkoll fir-raħal tan-Nadur li llum jilqa' fih numru kbir minn dawn il-'barranin'. Dawn joqogħdu fin-Nadur jew għax iżżewġu lil xi ħadd min-Nadur, bħali, jew minħabba x-xogħol riedu jsibu x'imkien fejn joqogħdu. Oħrajn kellhom l-għażla u xtraw propjetà fin-Nadur u qed jużaw din il-propjetà jew bħala residenza permanenti għax irtiraw hawn jew bħala t-tieni dar tagħhom bħala post ta' villeġġjatura. Huma għamlu din l-għażla x'aktarx minħabba l-ġmiel naturali u l-kwiet li wieħed isib f'dan ir-raħal.

**Wieħed mill-ikbar irħula f'Għawdex**

Dan l-istudju qasir li għamilt dwar il-kunjomijiet fin-Nadur ibbażajtu fuq ir-reġistru elettorali ta' Jannar 2013. In-Nadur huwa wieħed mill-ikbar irħula f'Għawdex. Fih insibu 3545-il persuna li huma 'l fuq minn 18-il sena li huma rreġistrati fuq dan ir-reġistru u għalhekk għandhom ir-residenza fin-Nadur u huma intitolati biex jivvotaw għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Ġon-Nadur hawn 189 kunjom differenti fi 88 triq jew pjazza differenti. L-iktar triq li fiha abitanti hija Triq San Blas bi 345. Fi Triq San Blas hemm 50 persuna li kunjomhom huwa Portelli. Fin-Nadur kollu hemm 286 kunjomhom Portelli. Iżda l-iktar kunjom komuni fin-Nadur huwa Camilleri fejn insibu 311 persuna b'dan il-kunjom. L-iktar triq li fiha nsibu persuni b'dan il-kunjom hija Triq David Cocco Palmieri (27). Il-kunjom Camilleri, li huwa wieħed mill-aktar kunjomijiet popolari f'Malta u Għawdex, ġej mill-kelma Taljana *cammelliere* jew dik Latina medjevali *camelarius* li tfisser rikkieb tal-iġmla, u għalhekk m'għandu x'jaqsam xejn ma' Ħal Millieri kif kien hawn min jaħseb. Kunjomijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mas-snajja jew xogħol huma Farrugia li tfisser sid tat-tjur. Bajada (11-il persuna biss hawn) tfisser wieħed li jbajjad, u Cassar (30 persuna) ġejja mill-kelma *al-qaSSar* li tfisser wieħed li jaħsel u jiżbogħ id-drapp jew suf jew ukoll mill-kelma *al-haSSar* li tfisser wieħed li jaqta' l-ġebel. Il-kunjom Grech (87) aktarx ġej mit-Taljan *greco*, Grieg, xi ħadd mill-Greċja.

Kunjom ieħor li huwa r-raba' l-iktar komuni fin-Nadur huwa Buttigieg (151). Kulħadd jaf li l-kunjom Buttigieg ġej mill-Għarbi u jfisser wieħed li jrabbi t-tiġieġ. Kunjomijiet oħra komuni huma Portelli (286), Muscat (235), Attard (131), Vella (130), Azzopardi (123), Said (110), u Borg (100). Għall-kunjom Said hemm triq bl-istess isem li kien hawn min jgħidha Sajd li mhix korretta.

Kunjomijiet oħrajn li huma ftit anqas komuni fin-Nadur huma Debono (78), Falzon (69), Galea (71), Grima (81), u Mifsud (66) li aktarx ġej mill-Għarbi *mafsud*, imħassar, imfissed jew xi ħadd taqbiżlu malajr u żbukkat. Falzon (69) aktarx ġej mit-Taljan *falsone*, xi ħadd falz, qarrieqi. Sammut (50) aktarx ġej ukoll mill-isem Għarbi *Samit*, sieket, minn samt, skiet. Xuereb aktarx ġej mill-isem Għarbi *Abu shawarib* marbut ma' *sharib*, mustaċċ, jew minn għarib, *ghaurraba*, xurban.

Ta' min jinnota li xi kunjomijiet huma miktubin b'mod differenti. Hekk insibu Axiak (10) jew Axiaq (9). Axiaq jew Axiak aktarx ġej mill-Għarbi *ashaq*, maħbub, namrat, insomma xi ħadd li fih għaxqa! Meilak (56), Mejlak (20), Meilaq (12) jew Mejlaq li fin-Nadur ma nsibuhx. Il-kunjom Meilak jew il-verżjonijiet tiegħu ġejjin mill-kelma Melacio li hu post fil-belt ta' Sqallija Milazzo, verżjonijiet Mejlak (20), Meilaq (12) ma tantx huma komuni. Kunjom li ma tantx huwa komuni fin-



Nadur huwa Cutajar (21). Dan ġej mill-kelma Sqallija *Cutaia* li tfisser 'quċċata' jew dik Għarbija 'quttajah' li tfisser il-'quċċata tal-għolja'. Kunjom ieħor li ma tantx huwa komuni fin-Nadur huwa Bugeja (27) li ġej minn isem ta' port fil-Majjistral tal-Alġerija jismu *Bejaia.* Min-naħa l-oħra l-kunjom Said (110) huwa komuni. Dan ġej mill-kelma Għarbija *sayyid* li tfisser sid. Filwaqt li l-kunjom Sciberras jista' jkun li ġej mill-kelma Għarbija *Šihab ar-Rās,* li l-ewwel parti *Šihab* tfisser kewkba u t-tieni parti *ras* tfisser kap ta' tribù. Agius (5) aktarx ġej mill-Għarbi 'adjuz, raġel xiħ għakka, imdaħħal sew fiż-żmien. Hili (27) aktarx ġej mill-Għarbi, minn 'al-hili', xi ħadd ta' ħila, kapaċi, jinqala'. Buhagiar (4) li mhux kunjom antik fin-Nadur, aktarx ġej mill-Għarbi. Minn abu, missier, sid, u hadjar, ġebel, jiġifieri sid ta' xi barriera jew ta' ħafna artijiet. Cachia (7) li wkoll mhux kunjom antik fin-Nadur, aktarx ġej mil-laqam Italo-Grieg *kakias*, ħażin, kattiv.

Ftit huma l-persuni bil-kunjom Xerri (6) u m'hemmx min jiktbu bħala Scerri. Xi ħaġa kurjuża hija li f'familja waħda partikulari l-kunjom Theuma huwa miktub differenti; tal-missier Teuma u tal-omm u tat-tifel miktub Theuma. Il-kunjom Theuma huwa interessanti. Il-verżjonijiet differenti aktarx kollha huma ta' dak oriġinali Theuma li ġej minn Thomà li huwa l-isem tal-missier li fi żmien l-Għarab kien ikkonverta għall-Kristjaneżmu u t-tifel ħa l-kunjom 'Theuma'. Il-kunjom jista' jkun ġej ukoll mill-kelma Għarbija *al –tawm* li tfisser it-tewmi (żewġ aħwa tal-istess età). Il-verżjoni l-oħra hija li dan il-kunjom ġej mil-laqam 'tewma' li ġej mit-tewm tal-ikel. Il-kunjom 'Tewma' jew 'Thewma' huma verżjoni Maltija iktar riċenti tal-kunjom 'Theuma'. Iżda fin-Nadur il-verżjoni mingħajr il-'h' hija miktuba 'Teuma'. Kunjom ieħor li nsibuh b'żewġ verżjonijiet huwa Debono (78) u De Bono (2).

Il-kunjom Borg nafu li huwa l-iktar kunjom komuni hawn Malta u Għawdex u fin-Nadur hawn 100 persuna b'dan il-kunjom. Dan il-kunjom x'aktarx ġej minn isem ta' belt fi Sqallija, Burgi. Biss din it-tifsira hija stramba għax f'dan il-post dan il-kunjom ma jeżistix. Għalhekk l-oriġini tiegħu tmur lil hemm minn Sqallija għax insibuh ukoll f'pajjiżi bħall-Iżvezja u Spanja (Burgia), imma bil-ge u mhux ġ (bit-tikka).

Hemm imbagħad numru ta' kunjomijiet li ssibhom għand persuna waħda. Dawn jew ikunu minn pajjiżi barra minn Malta jew Maltin li għandhom propjetà fin-Nadur. Fost dawn insibu kunjomijiet ta' kull tip. L-iktar huma kunjomijiet mir-Renju Unit jew Amerikani bħal Bovey, Kamp, Cowles, Cunningham, Duffy, Drew, Gibson, Hayden, Henry, Kilipatrick, Knowles, Lawrence, Lumsden, McPerson, McElhatton, Murphy, Pusey, Rees, Roberts, Samhan, Swindells, Thomas u Waterfield. Insibu wkoll numru ta' kunjomijiet Taljani bħal Basile, Baulina, Britto, Gallo, Giuliano, Martini, u Savona. Hemm numru ieħor ta' kunjomijiet pjuttost rari ta' persuni barranin li dejjem baqgħu jgħixu n-Nadur wara li żżewġu n-Nadur fosthom insibu Finger, Goodall, Gurr, Lumsden, Natoli, u Nwankwo. Fin-Nadur insibu wkoll xi kunjomijiet Ġermaniżi bħal Link, Mohr u Mainzer. Issib ukoll numru mdaqqas ta' kunjomijiet Maltin li ma tantx huma komuni ta' persuni Maltin li xtraw propjetà fin-Nadur bħala post ta' villeġġjatura. Fost dawn insibu Catania, Costa, D'Amato, Diacono, Ebejar, Friggieri, Ghersci, Gili, Jaccarini, Laus, Melillo, Paris, Naudi, Seychell, Sillato.

Persuni b'żewġ kunjomijiet f'Għawdex ma tantx huma komuni. Fin-Nadur insibu xi nies li għandhom żewġ kunjomijiet. Dawn aktarx huma Maltin jew xi ħadd li żżewweġ u żamm ukoll il-kunjom tal-familja ma' dak taż-żwieġ. Insibu Attard Hili, Attard Said, Darmanin Demajo, Farrugia Wismayer, Formosa Melillo, Muscat Caruana, Muscat Zadorozhnaya, Sillato Said, Vella Cardona, Vella De Fremeaux, Vella El Bazza, Vella Laurenti, Vella Magro, Vella Muscat, Zammit Endrich u Zerafa Boffa. L-ebda wieħed minn dawn il-kunjomijiet mhu komuni.

Jista' jkun li xi kunjomijiet ikunu jeżistu biss temporanjament għax il-persuni ta' dawn il-kunjomijiet ma jibqgħux jgħixu fin-Nadur. Hemm imbagħad ċerti kunjomijiet li jkunu daħlu n-Nadur minn barra u baqgħu hemm għax xi persuni komplew



jgħixu fin-Nadur. Nistgħu nsemmu l-kunjomijiet bħal Bonnici (3), Cilia (5), Fava (2), Haber (4), Piscopo (3), Refalo (7), Scicluna (8), u Vassallo (2). Dawn il-kunjomijiet 'importati' jitkomplewx jew le jiddependi kemm il-familja jkollha persuni maskili li jiżżewwġu u jibqgħu fin-Nadur. Dan illum huwa xi ftit diffiċli minħabba li l-mobilità tan-nies hija iktar xi ħaġa regolari minn qabel. Hawn nistgħu nsemmu xi ħaġa żgħira fuq xi ftit minn dawn il-kunjomijiet. Bonnici x'aktarx huwa ta' oriġini Griega.

Kunjomijiet oħra bħal Pisani (47) ġej minn laqam Sqalli, Saliba huwa Għarbi u ovvjament ġej minn salib u Muscat (235) aktarx għandu oriġini Lhudija. Perez huwa kunjom totalment barrani Latino-Amerikan. Xuereb (49) aktarx ġej mill-isem Għarbi *sahawrib* marbut ma' *sharib* li jfisser xi ħadd bil-mustaċċi jew minn ghari, gharraba li tfisser xurban. Il-kunjom Tabone (30) għandu tifsiriet kompletament differenti. L-ewwel tifsira ġejja mill-kelma Sqallija 'tabbuni' li tfisser bniedem b'moħħ sempliċi jew mill-kelma Sqallija wkoll 'tabbuna' li tfisser forn tal-ħami. X'aktarx li l-ewwel verżjoni tal-kunjom bil-Malti kienet Tabuni. It-tifsira l-oħra ġejja mill-kelma Għarbija *'tabūn'* li hija l-parti sesswali ta' barra tal-mara. Il-kunjom Zammit (25) ġej mill-Għarbi li tfisser xi ħadd serju. Zerafa (16) aktarx ġej mill-Għarbi *zarafah*, ġiraffa, jew minn *zarifa,* grazjuż. Il-kunjom Vella (130), li mhux ta' oriġini Għarbija, x'aktarx li ġej mill-kelma Taljana *'vela'* li tfisser qlugħ. Għal xi wħud din it-tifsira ma tagħmilx sens. Għalhekk hemm min isostni li l-kunjom Vella ġej mill-Katalan u jfisser 'xiħ' jew 'xiħa' u hemm min jgħid ukoll li ġej mit-Taljan minn *bella* l-femminil ta' *bello,* sabiħ, gustuż.

Dan l-istudju qasir u lanqas xjentifiku juri biss li anke f'post mhux tant kbir bħal Qala nsibu numru kbir ta' kunjomijiet li jirriflettu t-taħlit u l-mobilità tan-nies. L-istudju xjentiku tal-kunjomijiet jirrekjedi riċerka intensiva u dettaljata li tinvolvi l-istorja ġenerali u l-istudju tal-lingwi klassiċi bħal-Latin, il-Grieg, l-Ispanjol, is-Siċiljan, it-Tuskan u l-lingwi Semitiċi bħall-Għarbi, u l-Ebrajk. L-għan tiegħi ma kienx wieħed akkademiku imma wieħed soċjali u bħala suġġett li jista' jinteressa lil kulħadd.

**Referenzi:**


- Cassar Mario: Vestiges of Arabic Nomenclature in Maltese Surnames.
- Reġistru Elettorali: Tlettax –il Distrett, Jannar 2013.
- Wettinger Godfrey: The Origin of the 'Maltese' Surnames.



**NIRRINGRAZZJAW LIL:**

Adelina Savona u Charles Buttigieg (Kanada); Rita Bajada u Frank Borg - *The Maltese Center*, Astoria, (Amerika); *The Australian – Nadur Association* u l-*Helpers* (Melbourne),
Frank u Carmen Muscat u Marija Xerri (Sydney) Awstralja li qassmu l-ħarġa Nru. 116 tal-'Luminaria', Marzu 2014.

| | |
|---|---|
| Awstralja: | Sydney: Frank u Carmen Muscat €50; Emmanuel Grech: Aust$ 50 |
| | Queensland: Aust$ 50; Melbourne: David Mifsud: €20 |
| Ingilterra: | Albert Muscat: €20 |
| Kanada: | Marcel Haber: €40 |
| Amerika: | Maria Muscat: $20; Joe & Ginette Pace: $20 |



Alex Saliba

I.T Sales and Services

64, Ta' Said Street Nadur, Gozo Tel: 21 553730 Mob: 99 864 262

alexandersaliba@gmail.com